DIGRIET TAL-PRESIDENT TAL-QORTI ĠENERALI

21 ta' Lulju 2017*

"Proċeduri għal miżuri provviżorji – Suq intern tal-gass naturali – Direttiva 2009/73/KE – Talba tal-Bundesnetzagentur intiża sabiex jiġu emendati l-kundizzjonijiet ta' deroga għar-regoli tal-Unjoni għat-tħaddim tal-pipeline tal-gass OPAL – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-kundizzjonijiet ta' deroga għar-regoli tal-Unjoni – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza"

Fil-Kawża T-849/16 R,

PGNiG Supply & Trading GmbH, stabbilita fi Munich (il-Ġermanja), irrappreżentata minn M. Jeżewski, avukat,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn O. Beynet u K. Herrmann, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, irrappreżentata minn T. Henze u R. Kanitz, bħala aġenti,

intervenjenti,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 6950 finali tat-28 ta' Ottubru 2016, li tirrigwarda l-emenda tal-kundizzjonijiet ta' deroga tal-pipeline tal-gass OPAL għar-regoli dwar l-aċċess għal terzi u għar-regolamentazzjoni tarrifarja stabbilita mid-Direttiva 2003/55/KE,

IL-PRESIDENT TAL-QORTI ĠENERALI

jagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

Digriet

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Permezz tad-Deċiżjoni C(2009) 4694, tat-12 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej talbet lill-Bundesnetzagentur (BNetzA, aġenzija federali tan-netwerks, il-Ġermanja), skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 230), temenda d-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Frar 2009 li teskludi l-kapaċità ta' trażmissjoni tal-proġett ta' pipeline tal-gass Ostseepipeline-Anbindungsleitung (OPAL), li hija t-taqsima fuq l-art, fil-Lvant, tal-pipeline tal-gass Nord Stream 1, li l-punt ta' dħul tiegħu jinsab fil-viċinanza tal-lokalità ta' Lubmin, qrib Greifswald, fil-Ġermanja u l-punt ta' ħruġ tiegħu jinsab fil-lokalità ta' Brandov, fir-Repubblika Ċeka, mill-applikazzjoni tar-regoli ta' aċċess għal terzi previsti fl-Artikolu 18 tal-imsemmija direttiva u tar-regoli tariffarji previsti fl-Artikolu 25(2) sa (4) tagħha.

2 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ġunju 2009 kienet tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li ġejjin:

"a) Bla ħsara għar-regola li tinsab fil-subparagrafu b), impriża dominanti f'suq kbir wieħed jew aktar tal-gass naturali upstream u downstream li jkopri r-Repubblika Ċeka ma hijiex awtorizzata tirriżerva, matul sena waħda, iktar minn 50 % tal-kapaċità ta' trażmissjoni tal-pipeline tal-gass OPAL fil-fruntiera Ċeka. Ir-riżervazzjonijiet ta' impriżi li jappartjenu għall-istess grupp, bħal Gazprom u Wingas, għandhom jiġu eżaminati flimkien. Ir-riżervazzjonijiet ta' impriżi dominanti/ta' gruppi ta' impriżi dominanti li jkunu kkonkludew kuntratti kbar fit-tul għal provvista ta' gass għandhom jiġu eżaminati b'mod aggregat. […]

b) Il-limitu ta' 50 % tal-kapaċità jista' jinqabeż jekk l-impriża kkonċernata tittrasferixxi lis-suq volum ta' 3 biljun metru kubu ta' gass fuq il-pipeline tal-gass OPAL, skont proċedura miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja ('programm ta' trasferiment ta' gass'). Il-kumpannija ġestjonarja tal-pipeline tal-gass jew l-impriża li għandha twettaq il-programm għandha tiżgura d-disponibbiltà tal-kapaċità ta' trażmissjoni korrispondenti u l-għażla libera tal-punt ta' ħruġ ('programm ta' trasferiment ta' kapaċità'). Il-forma tal-programmi ta' 'trasferiment ta' gass' u ta' 'trasferiment ta' kapaċità' hija suġġetta għall-approvazzjoni tal-BNetzA."

3 Fis-7 ta' Lulju 2009, il-BNetzA emendat id-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Frar 2009 billi adattata għall-kundizzjonijiet iċċitat iktar 'il fuq previsti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ġunju 2009. Id-deroga għar-regoli ġiet mogħtija mill-BNetzA għal perijodu ta' 22 sena.

4 Il-pipeline tal-gass OPAL beda jaħdem fit-13 ta' Lulju 2011 u għandu kapaċità ta' xi 36.5 biljun metru kubu. Skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ġunju 2009 u d-deċiżjoni tal-BNetzA tal-25 ta' Frar 2009, kif emendata bid-deċiżjoni tagħha tas-7 ta' Lulju 2009, il-kapaċità tal-pipeline tal-gass OPAL ġiet totalment eżentata mill-applikazzjoni tar-regoli dwar l-aċċess irregolat għal terzi u tar-regoli tariffarji fuq il-bażi tad-Direttiva 2003/55.

5 Il-50 % tal-kapaċità ta' dan il-pipeline tal-gass li ma ġiex irriżervat qatt ma ntuża peress li l-kumpannija Gazprom ma implementatx il-programm ta' trasferiment ta' gass imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ġunju 2009. Il-kapaċità ta' dħul tal-pipeline tal-gass ħdejn Greifswald huwa ta' interess biss għat-terzi li jistgħu jdaħħlu l-gass f'dan il-punt tal-pipeline tal-gass. Fil-konfigurazzjoni teknika attwali, il-gass naturali jista' jiġi pprovdut biss minn dan il-punt ta' dħul permezz tal-pipeline tal-gass Nord Stream 1, użat mill-grupp Gazprom għat-trażmissjoni tal-gass li ġej minn depożiti Russi, b'tali mod li 50 % biss tal-kapaċità ta' trażmissjoni tal-pipeline tal-gass OPAL jidher *a priori* li qiegħed jintuża.

6 Fit-13 ta' Mejju 2016, BNetzA nnotifikat lill-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li ħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU 2009, L 211, p. 94), dwar l-intenzjoni tagħha li temenda ċerti dispożizzjonijiet tad-deroga mogħtija fl-2009 li tirrigwarda s-sezzjoni tal-pipeline tal-gass OPAL operata minn Opal Gastransport GmbH& Co. KG (iktar 'il quddiem "OGT").

7 Fit-28 ta' Ottubru 2016, fuq il-bażi tal-Artikolu 36(9) tad-Direttiva 2009/73, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2016) 6950 finali li tirrigwarda l-emenda tal-kundizzjonijiet ta' deroga tal-pipeline tal-gass OPAL għar-regoli dwar l-aċċess għal terzi u għar-regolamentazzjoni tariffarja stabbilita mid-Direttiva 2003/55 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), li hija indirizzata lil BNetzA.

8 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni żammet l-eżenzjoni għar-regoli ta' aċċess għal terzi mogħtija għall-pipeline tal-gass OPAL għas-sezzjoni inkluża bejn il-punt ta' dħul li jinsab ħdejn Greifswald u l-punt ta' ħruġ li jinsab f'Brandov għal massimu ta' 50 % tal-kapaċità, li hija kienet diġà approvat fid-deċiżjoni tagħha tat-12 ta' Ġunju 2009. Għall-kuntrarju, il-50 % tal-kapaċità li fadal f'din is-sezzjoni – mhux użat sa dakinhar minħabba l-assenza ta' implementazzjoni tal-programm ta' trasferiment ta' gass minn Gazprom – ġie lliberat, jiġifieri suġġett għar-regoli ta' aċċess għal terzi. Din il-liberazzjoni għandha sseħħ fil-forma ta' tqassim tal-kapaċità ta' trażmissjoni, li l-ġestjonarju tal-pipeline tal-gass għandu jattribwixxi fl-ambitu ta' rkant trasparenti u mhux diskriminatorju.

9 Peress li dan it-tqegħid għad-disponibbiltà b'mod mhux diskriminatorju u trasparenti tal-kapaċità ta' trażmissjoni hekk illiberata jista' jwassal, *de facto*, għall-użu tagħha minn Gazprom eksport, sabiex tiżgura li t-terzi jkunu jistgħu effettivament ikollhom aċċess għall-kapaċità "illiberata", il-Kummissjoni għolliet il-limitu massimu ssuġġerit minn BNetzA fir-rigward tal-kapaċità ta' interkonnessjoni tat-tip FZK (*feste frei zuordenbare Kapazitäten*, kapaċità kostanti liberament attribwibbli) fil-punt ta' ħruġ tal-pipeline tal-gass. Għalhekk, il-ġestjonarju tal-pipeline tal-gass OPAL ikollu jqiegħed għad-disponibbiltà ta' utenti oħra minbarra l-kumpannija dominanti fis-suq Ċek tal-gass naturali, fil-kuntest ta' rkant, kapaċità ta' interkonnessjoni FZK ta' volum inizjali ta' 3.2 miljun kWh. Jekk madankollu jkun jidher, waqt l-irkant annwali, li d-domanda għal kapaċità ta' tip FZK fil-punt ta' ħruġ ta' Brandov tkun iktar għolja minn 90 % tal-kapaċità offruta, il-BNetzA għandha żżid b'1.6 miljun kWh l-kwantità ta' kapaċità FZK disponibbli waqt l-irkant annwali segwenti. Il-kapaċità ta' FZK disponibbli tista' tilħaq maż-żmien volum ta' 6.4 miljun kWh, jew 20 % tal-kapaċità totali tal-pipeline tal-gass OPAL.

10 Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li f'irkant l-offerti dejjem jogħlew u sabiex jiġi evitat li l-entità dominanti fis-suq Ċek tagħti l-ogħla offerta, il-Kummissjoni introduċiet kundizzjoni addizzjonali li, fil-kuntest tal-irkant ta' kapaċità FZK, l-offerta li tali entità tista' tippreżenta tista' tkun biss ekwivalenti għall-prezz bażiku tal-kapaċità, li jimplika b'dan il-mod li l-prezz issuġġerit ma jkunx jista' jeċċedi l-prezz bażiku medju tat-tariffa regolamentarja fuq in-netwerk ta' trażmissjoni taż-żona kummerċjali ta' Gaspool fil-Ġermanja lejn ir-Repubblika Ċeka għal prodotti komparabbli fl-istess sena.

11 Fit-28 ta' Novembru 2016, il-BNetzA emendat id-deroga mogħtija lill-ġestjonarju tal-pipeline tal-gass OPAL permezz tad-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Frar 2009 konformement mad-deċiżjoni kkontestata.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

12 B'rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-4 ta' Diċembru 2016, ir-rikorrenti, PGNiG Supply & Trading GmbH (iktar 'il quddiem "PGNiG Supply") ippreżentat azzjoni intiża għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

13 B'att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-istess jum, PGNiG Supply ressqet din it-talba għal miżuri provviżorji, li fiha hija titlob, essenzjalment, li l-President tal-Qorti Ġenerali jogħġbu:

– jissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, sakemm tingħata s-sentenza li ttemm l-istanza prinċipali;

– jordna li l-Kummissjoni teżiġi li l-BNetzA tissospendi l-implementazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni, esposta fid-deċiżjoni kkontestata, sakemm tingħata s-sentenza li ttemm l-istanza prinċipali;

– jordna li l-Kummissjoni teżiġi li l-BNetzA tieħu l-miżuri legali kollha possibbli sabiex tissospendi, sakemm tingħata s-sentenza li ttemm l-istanza prinċipali, l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni, tranżazzjoni, ftehim irregolat mid-dritt pubbliku jew kull miżura oħra ta' applikazzjoni li temenda, tikkompleta, tħassar jew taffettwa b'xi mod ieħor id-deċiżjoni tal-BNetzA tal-25 ta' Frar 2009, fil-verżjoni tagħha tas-7 ta' Lulju 2009;

– jordna li l-Kummissjoni teżiġi li l-BNetzA teżerċita d-dritt ta' xoljiment tagħha tal-ftehim konkluż fit-28 ta' Novembru 2016 ma' OGT, PJSC Gazprom u Gazprom eksport u tadotta sussegwentement strument ġdid ta' applikazzjoni tad-dritt nazzjonali, skont proċedura li tiżgura l-parteċipazzjoni ta' terzi, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi;

– jordna li l-Kummissjoni teżiġi li, sakemm tingħata s-sentenza li ttemm l-istanza prinċipali, OGT tastjeni milli tagħti aċċess għall-kapaċità ta' trażmissjoni tal-pipeline tal-gass OPAL taħt kundizzjonijiet differenti minn dawk stabbiliti permezz tad-deċiżjoni tal-BNetzA tal-25 ta' Frar 2009, fil-verżjoni tagħha tas-7 ta' Lulju 2009;

– jagħti kull digriet li l-President tal-Qorti Ġenerali jidhirlu xieraq, fir-rigward tal-Kummissjoni jew ta' OGT, sabiex jintlaħaq effett simili;

– jeżamina din it-talba qabel it-23 ta' Diċembru 2016, b'applikazzjoni tal-Artikolu 157(2), tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

14 Fl-osservazzjonijiet tagħha dwar it-talba għal miżuri provviżorji, ippreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-14 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni titlob, essenzjalment, li l-President tal-Qorti Ġenerali jogħġbu:

– jiċħad din it-talba;

– jikkundanna lil PGNiG Supply għall-ispejjeż.

15 B'digriet tat-23 ta' Diċembru 2016, PGNiG Supply & Trading GmbH vs Il-Kummissjoni (T-849/16 R), il-President tal-Qorti Ġenerali, skont l-Artikolu 157(2) tar-Regoli tal-Proċedura, laqa' s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni mitluba sakemm jingħata d-digriet li jtemm din il-proċedura għal miżuri provviżorji. Huwa, barra minn hekk, għamel diversi domandi lill-partijiet, li irrispondew għalihom fis-16 ta' Jannar 2017.

16 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-10 ta' Jannar 2017, OGT u Gazprom eksport talbu sabiex jintervjenu f'dawn il-proċeduri għal miżuri provviżorji insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni. Fit-18 ta' Jannar 2017, il-partijiet fil-kawża prinċipali ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq dawn it-talbiet.

17 Fl-1 ta' Frar 2017, il-President tal-Qorti Ġenerali laqa' t-talba għal intervent tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, imressqa fid-19 ta' Jannar 2017, li fir-rigward tagħha kemm il-Kummissjoni kif ukoll PGNiG Supply ma għamlu ebda oġġezzjoni għaliha fl-osservazzjonijiet tagħhom ippreżentati fit-30 u

fil-31 ta' Jannar 2017 rispettivament. In-nota ta' intervent tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-9 ta' Frar 2017. Il-Kummissjoni u PGNiG Supply ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq din in-nota fit-3 u fl-10 ta' Marzu 2017 rispettivament.

18 Fit-3 ta' Frar 2017, Operator Gazociągów Przesyłowych Gaz-System S.A. (iktar 'il quddiem "Gaz System") talbet sabiex tintervjeni insostenn tat-talbiet ta' PGNiG Supply. Fl-14 ta' Frar 2017, il-partijiet fil-kawża prinċipali ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq din it-talba.

19 Fit-28 ta' Frar 2017, PGNiG Supply ippreżentat nota komplementari kif ukoll anness li jikkonsisti f'[*kunfidenzjali*] [1]. Fit-28 ta' Ġunju 2017, PGNiG Supply talbet li dawn id-dokumenti jingħataw trattament kunfidenzjali fir-rigward tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li ma kkontestatx din it-talba.

20 Peress li d-deċiżjoni kkontestata ġiet ippubblikata fit-3 ta' Jannar 2017 fuq is-sit tal-internet tal-Kummissjoni, fit-13 ta' Marzu 2017, PGNiG Supply ippreżentat nota komplementari għat-talba għal miżuri provviżorji tagħha, li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fit-3 ta' April 2017.

21 Permezz ta' ittra tat-22 ta' Ġunju 2017, il-partijiet ġew mistiedna għal seduta stabbilita għall-5 ta' Lulju 2017, sabiex jippreżentaw l-argumenti tagħhom dwar il-kundizzjonijiet relatati mal-urġenza u mal-ibbilanċjar tal-interessi. F'din l-okkażjoni, il-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ġew informati li, minħabba t-talba għal trattament kunfidenzjali tan-nota komplementari u l-anness tagħha, ippreżentati minn PGNiG Supply fit-28 ta' Frar 2017, dawn id-dokumenti ma humiex ser jiġu diskussi waqt is-seduta, bla ħsara għall-possibbiltà li l-osservazzjonijiet tagħhom f'dawn id-dokumenti jintalbu iktar tard.

22 OGT, Gazprom u Gaz-System (iktar 'il quddiem, flimkien, it-"tliet rikorrenti għal intervent") ġew ukoll mistiedna jattendu s-seduta sabiex fiha jippreżentaw l-argumenti tagħhom dwar l-ibbilanċjar tal-interessi, bla ħsara għad-deċiżjoni finali dwar l-ammissjoni tat-talbiet għal intervent rispettivi tagħhom.

23 Fil-5 ta' Lulju 2017, PGNiG Supply, il-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kif ukoll it-tliet rikorrenti għal intervent ppreżentaw l-argumenti tagħhom fis-seduta u rrispondew għad-domandi magħmula mill-President tal-Qorti Ġenerali. Għalkemm it-tliet rikorrenti għal intervent kollha ġew awtorizzati jippreżentaw argumenti dwar l-ibbilanċjar tal-interessi kontrapposti fil-kuntest ta' din it-talba għal miżuri provviżorji, il-President tal-Qorti Ġenerali madankollu rriżerva d-deċiżjoni tiegħu fuq l-ammissjoni definittiva tagħhom.

Id-dritt

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

24 Mill-qari flimkien tal-Artikoli 278 u 279 TFUE, minn naħa, u tal-Artikolu 256(1) TFUE, min-naħa l-oħra, jirriżulta li l-Imħallef għal miżuri provviżorji jista', jekk iqis li ċ-ċirkustanzi jkunu jeżiġu dan, jordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' att ikkontestat quddiem il-Qorti Ġenerali jew jippreskrivi l-miżuri provviżorji neċessarji, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 156 tar-Regoli tal-Proċedura. Madankollu, l-Artikolu 278 TFUE jistabbilixxi l-prinċipju tan-natura mhux sospensiva tar-rikorsi, peress li l-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' legalità. Għalhekk, huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li l-Imħallef għal miżuri provviżorji jista' jordna

1 Data kunfidenzjali moħbija.

s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' att ikkontestat quddiem il-Qorti Ġenerali jew jippreskrivi miżuri provviżorji (digriet tad-19 ta' Lulju 2016, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, T-131/16 R, EU:T:2016:427, punt 12).

25 Barra minn hekk, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 156(4) tar-Regoli tal-Proċedura tipprovdi li t-talbiet għal miżuri provviżorji għandhom jispeċifikaw "is-suġġett tal-kawża, iċ-ċirkustanzi li jistabbilixxu l-urġenza, kif ukoll il-motivi ta' fatt u ta' liġi li jiġġustifikaw *prima facie* l-adozzjoni tal-miżura provviżorja mitluba".

26 Għalhekk, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u l-miżuri provviżorji l-oħra jistgħu jingħataw mill-Imħallef għal miżuri provviżorji jekk jiġi stabbilit li l-adozzjoni tagħhom hija *prima facie* ġġustifikata fil-fatt u fid-dritt (*fumus boni juris*) u li huma urġenti, fis-sens li huwa neċessarju, sabiex jiġi evitat li jiġi kkawżat dannu gravi u irreparabbli għall-interessi tal-parti li tkun talbithom, li jiġu adottati u li jipproduċu l-effetti tagħhom sa minn qabel id-deċiżjoni dwar il-kawża prinċipali. Dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi, b'tali mod li t-talbiet għal miżuri provviżorji għandhom jiġu miċħuda meta waħda minnhom ma tkunx issodisfatta. L-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu jwettaq ukoll, jekk ikun il-każ, ibbilanċjar tal-interessi kontrapposti (ara d-digriet tat-2 ta' Marzu 2016, Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni, C-162/15 P-R, EU:C:2016:142, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Fil-kuntest ta' dan l-eżami kumplessiv, l-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa u huwa liberu li jiddetermina, fid-dawl tal-partikolaritajiet tal-każ, il-mod li bih dawn id-diversi kundizzjonijiet għandhom jiġu vverifikati, kif ukoll l-ordni ta' dan l-eżami, peress li ma teżisti l-ebda dispożizzjoni legali li timponilu skema ta' analiżi prestabbilita sabiex jevalwa n-neċessità li jagħti deċiżjoni provviżorja [ara d-digriet tad-19 ta' Lulju 2012, Akhras vs Il-Kunsill, C-110/12 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2012:507, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata].

28 Fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, mingħajr ma jkun meħtieġ li tingħata deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni, l-ewwel nett għandu jiġi eżaminat jekk il-kundizzjoni tal-urġenza hijiex issodisfatta.

Fuq l-urġenza

29 Sabiex jiġi vverifikat jekk il-miżuri provviżorji mitluba humiex urġenti, għandu jitfakkar li l-għan tal-proċeduri għal miżuri provviżorji huwa li tiġi żgurata l-effikaċja sħiħa tad-deċiżjoni definittiva futura, sabiex jiġi evitat li jkun hemm lakuna fil-protezzjoni ġuridika żgurata mill-Qorti tal-Unjoni. Huwa sabiex jintlaħaq dan l-għan li l-urġenza għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-bżonn li jingħata ordni interlokutorju sabiex jiġi evitat li jiġi kkawżat dannu gravi u irreparabbli lill-parti li qed titlob il-protezzjoni provviżorja. Hija din il-parti li għandha tipproduċi l-prova li hija ma tistax tistenna l-eżitu tal-proċedura relatata mar-rikors prinċipali mingħajr ma ssofri dannu gravi u irreparabbli (ara d-digriet tal-14 ta' Jannar 2016, AGC Glass Europe *et* vs Il-Kummissjoni, C-517/15 P-R, EU:C:2016:21, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 F'dan il-każ, PGNiG Supply tibża li ssofri dannu li jikkonsisti, essenzjalment, fil-bidla gravi u irreparabbli tal-pożizzjoni tagħha fis-suq, fil-każ li t-talba għal miżuri provviżorji tiġi miċħuda.

31 Hija tqis, fil-fatt, li d-deċiżjoni kkontestata u d-deċiżjoni tal-BNetzA tat-28 ta' Novembru 2016, li timplementaha, ikollhom bħala effett li jirrestringu l-aċċess tagħha kemm għall-pipeline tal-gass OPAL kif ukoll għall-pipeline tal-gass Yamal-Europe, sabiex twassal il-gass fis-suq Pollakk.

32 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-allegazzjoni dwar ir-restrizzjoni tal-aċċess tagħha għall-pipeline tal-gass OPAL, minn naħa, PGNiG Supply tenfasizza li r-riżervazzjonijiet tal-kapaċità ta' trażmissjoni permezz tal-irkant skont il-kundizzjonijiet ġodda għall-użu tal-pipeline tal-gass OPAL ikunu jistgħu jsiru għal

perijodu ta' ħmistax-il sena. Issa, hija tgħid li qiegħda tistenna li Gazprom tirriżerva l-biċċa l-kbira tal-kapaċità ta' trażmissjoni għal dan il-perijodu, b'tali mod li tikkonkretizza l-pożizzjoni tagħha għall-ħmistax-il sena li ġejjin.

33 Fil-fatt, PGNiG Supply issostni li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tkun tippermetti li Gazprom tirriżerva mill-inqas 90 % tal-kapaċità ta' trażmissjoni tal-pipeline tal-gass OPAL. Id-deċiżjoni kkontestata torganizza l-irkant ta' 50 % tal-kapaċità totali ta' trażmissjoni tal-pipeline tal-gass OPAL. Madankollu, skont PGNiG Supply, il-kundizzjonijiet tad-deroga regolamentarja stabbiliti fid-deċiżjoni kkontestata jkollhom bħala konsegwenza li jippermettu lil Gazprom tieħu mill-inqas 80 % tal-kapaċità ta' trażmissjoni parzjalment irregolata tal-pipeline tal-gass OPAL suġġetta għall-irkant. Sa fejn il-50 % l-oħra tal-kapaċità ta' trażmissjoni tal-pipeline tal-gass OPAL huma esklużi mid-dritt tal-Unjoni kif ukoll mir-regoli tal-aċċess għal terzi, u jingħataw totalment lil Gazprom, din tal-aħħar tkun tista' fil-fatt tibbenefika minn aċċess iggarantit għal mill-inqas 90 % tal-kapaċità totali ta' trażmissjoni tal-pipeline tal-gass OPAL. Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata ser issaħħaħ il-pożizzjoni dominanti ta' Gazprom u, b'hekk, direttament iddgħajjef il-pożizzjoni ta' PGNiG Supply fis-suq.

34 Min-naħa l-oħra, PGNiG Supply tispeċifika li r-riżervazzjoni minn Gazprom tal-kapaċità ta' trażmissjoni addizzjonali, "illiberata" reċentement, tal-pipeline tal-gass OPAL ikollha effetti irriversibbli fuq il-kuntratti downstream konklużi mill-operaturi involuti fit-trażmissjoni, it-tqassim u t-twassil ta' gass ipprovdut minn Gazprom. Fil-fatt, skont PGNiG Supply, ir-riżervazzjonijiet fil-forma ta' ftehimiet irregolati mid-dritt privat, ikunu sussegwentement sorsi ta' drittijiet u obbligi għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, suġġetti għal protezzjoni, indipendentement mill-eżitu tar-rikors fil-kawża prinċipali. Għaldaqstant, anki l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ma jistax jagħti lok għal annullament tal-kuntratti ta' trażmissjoni jew ta' provvista ta' gass mill-intermedjarju tal-pipeline tal-gass OPAL. Hija tenfasizza wkoll li dawn il-kuntratti ta' trażmissjoni jkollhom bħala konsegwenza parallela l-konklużjoni ta' kuntratti kummerċjali ta' negozju ta' gass, bil-ħolqien għalhekk ta' ostakolu addizzjonali għax-xoljiment tal-kuntratti ta' trażmissjoni.

35 Għalhekk, minħabba, minn naħa, il-kumplessità tar-relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet amministrattivi u l-entitajiet individwali involuti u, min-naħa l-oħra, ir-rapporti legali li jorbtu lil dawn l-entitajiet li jaġixxu fuq il-bażi ta' atti li jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' legalità tad-deċiżjoni kkontestata, PGNiG Supply tqis li la ma huwa ser ikun possibbli li treġġa' lura s-sitwazzjoni legali li tkun irriżultat sabiex terġa' ssib il-pożizzjoni li hija kellha preċedentement u lanqas li tikseb kumpens finanzjarju.

36 Mingħajr ma huwa neċessarju li titwettaq evalwazzjoni, minn naħa, tan-natura possibbilment ipotetika tal-aġir li ser tadotta Gazprom waqt l-irkant tal-kapaċità ta' trażmissjoni lliberata permezz tad-deċiżjoni kkontestata u, min-naħa l-oħra, tar-rilevanza tal-argument ta' PGNiG Supply fir-rigward tar-restrizzjoni ta' aċċess għall-pipeline tal-gass OPAL minħabba kundizzjonijiet stabbiliti mid-deċiżjoni kkontestata meta mqabbla ma' dawk fis-seħħ preċedentement, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li d-dannu allegat kien jidher, *a priori*, li jiddependi fuq l-irriversibbiltà fit-tul tas-sitwazzjonijiet li jkunu nħolqu taħt is-sistema legali li saret possibbli bid-deċiżjoni kkontestata.

37 Fil-fatt, PGNiG Supply tidher li tqis li l-possibbiltà għal Gazprom li twettaq, waqt l-irkanti annwali li ġejjin għall-parti ta' 50 % tal-kapaċità ta' trażmissjoni lliberata bid-deċiżjoni kkontestata, riżervazzjonijiet fit-tul ikollha bħala effett li tikkonkretizza s-sitwazzjoni b'tali mod li l-portata tal-effetti legali tad-deċiżjoni kkontestata jeċċedu sew it-tul tal-eżistenza legali tagħha.

38 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li din l-analiżi tistrieħ fuq interpretazzjoni żbaljata tal-funzjonament tal-ordinament ġuridiku nnifsu stabbilit mit-trattati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Lulju 1964, Costa, 6/64, EU:C:1964:66, p. 1158). Fil-każ ta' annullament tad-deċiżjoni kkontestata, il-kundizzjonijiet ta' użu tal-pipeline tal-gass OPAL, kif awtorizzati permezz ta' din id-deċiżjoni, ma jkunux iktar applikabbli. Konsegwentement, l-ebda att irregolat bid-dritt privat

ibbażat fuq dawn il-kundizzjonijiet ma jkun jista' jiġi implementat. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja enfasizzaw, korrettement, dan l-aspett kemm fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom kif ukoll waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2017.

39 F'dan ir-rigward, minbarra ostakoli legali, li l-eżistenza tagħhom ma tistax tiġi aċċettata, kif kien tfakkar fil-punt 38 iktar 'il fuq, PGNiG Supply tqajjem l-eżistenza ta' diffikultajiet prattiċi fl-implementazzjoni tal-effetti ta' tali annullament. Madankollu, din l-oġġezzjoni għandha wkoll tiġi miċħuda. Fil-fatt, minn naħa, kif jenfasizzaw b'mod kategoriku, kemm ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fin-nota ta' intervent tagħha kif ukoll il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha dwar din in-nota, jekk il-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni kkontestata, il-kuntratti ta' riżervazzjoni ta' kapaċità prodotta għall-perijodi ta' wara li tingħata s-sentenza tal-Qorti Ġenerali ma jkunux jistgħu jiġu eżegwiti. Min-naħa l-oħra, waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni enfasizzat li, l-ewwel nett, mill-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt applikabbli għat-trażmissjoni ta' gass mill-pipeline tal-gass OPAL kien jirriżulta li l-kuntratt ta' trażmissjoni konkluż bejn l-utenti tan-netwerk u OGT fir-rigward tax-xiri ta' kapaċità prodotta permezz ta' rkant ikun jista' jiġi xolt immedjatament għal raġunijiet importanti, liema raġunijiet jinkludu mingħajr dubju l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata mill-Qorti Ġenerali; it-tieni nett, dan l-annullament ikun jikkostitwixxi ċirkustanza essenzjalment aċċidentali li jkollha konsegwenzi legali fuq il-kuntratt, fis-sens li din tkun tiġġustifika l-adattament tal-kundizzjonijiet tal-imsemmi kuntratt; u, it-tielet nett, dawn il-kundizzjonijiet ġenerali jawtorizzaw lil OGT temenda l-kundizzjonijiet tal-kuntratt fil-ġejjieni jekk in-neċessità li tittieħed inkunsiderazzjoni l-bidla tas-sitwazzjoni legali tkun teżiġi dan, pereżempju fil-preżenza ta' sentenza mogħtija minn qorti internazzjonali. Barra minn hekk, ma jidhirx li huwa esklużż, *a priori*, li, fid-dawl tal-kawża pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali, tiġi inkluża klawżola ta' salvagwardja fil-kuntratti kollha ffirmati fir-rigward ta' rkanti futuri (pereżempju, il-kuntratti downstream konklużi mill-operaturi involuti fit-trażmissjoni, it-tqassim u t-twassil ta' gass ipprovdut minn Gazprom iżda wkoll il-kuntratti kummerċjali ta' negozju ta' gass) sabiex jiġu previsti l-konsegwenzi ta' sospensjoni ġdida eventwali tad-deċiżjoni kkontestata jew annullament tagħha. Fi kwalunkwe każ, sa fejn ġew ippreżentati proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali kontra d-deċiżjoni kkontestata, jeżisti mingħajr ebda dubju riskju kummerċjali li ma jistax jiġi injorat mill-atturi fis-suq.

40 Fl-aħħar nett, kemm fl-osservazzjonijiet tagħha tal-10 ta' Marzu 2017 fuq in-nota ta' intervent tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif ukoll fin-nota komplementari tagħha tat-13 ta' Marzu 2017, PGNiG Supply tenfasizza l-fatt li, minkejja d-digriet tat-23 ta' Diċembru 2016, PGNiG Supply & Trading vs Il-Kummissjoni (T-849/16 R), il-pipeline tal-gass OPAL intuża f'livell li jindika użu ta' kapaċità organizzata qabel is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata taħt il-kundizzjonijiet awtorizzati minn din id-deċiżjoni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li, għalkemm jistgħu jitqajmu mistoqsijiet leġittimi fir-rigward tal-fatti relatati mal-użu ta' kapaċità ta' trażmissjoni fil-pipeline tal-gass OPAL wara l-adozzjoni tad-digriet tal-istess jum, mill-atti tal-proċess, b'mod partikolari min-nota ta' intervent tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, jirriżulta li l-użu attwali ta' dan il-pipeline tal-gass huwa llum effettivament irregolat mill-kundizzjonijiet applikabbli qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, u, it-tieni nett, li, għalkemm waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2017, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kkonfermat li ċerti kuntratti, marbuta ma' rkanti organizzati qabel l-adozzjoni tad-digriet tat-23 ta' Diċembru 2016, PGNiG Supply & Trading vs Il-Kummissjoni (T-849/16 R), kienu ġew eżegwiti bi ksur tal-effetti tas-sospensjoni deċiża mill-Imħallef għal miżuri provviżorji fid-digriet tiegħu, hija madankollu enfasizzat il-konfużjoni madwar din is-sitwazzjoni. Fil-fatt, wara l-adozzjoni tal-imsemmi digriet, ġiet mibdija proċedura quddiem l-Oberlandesgericht (qorti reġjonali superjuri ta' Düsseldorf, il-Ġermanja) u wasslet għall-adozzjoni ta' deċiżjoni tat-30 ta' Diċembru 2016 li ssospendiet il-ftehim konkluż bejn OGT u l-BNetzA fit-28 ta' Novembru 2016. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għalhekk ikkunsidrat, b'mod żbaljat kif irrikonoxxiet hija stess waqt is-seduta, li kienet ikkonċernata biss l-organizzazzjoni ta' rkanti għall-ġejjieni, bl-esklużjoni ta' kull effett fuq l-eżekuzzjoni tal-kuntratti marbuta mal-irkanti fil-passat. Fir-rigward tal-iskambji li kien hemm sussegwentement bejn il-partijiet fil-kuntest ta' din il-proċedura, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqis li tali interpretazzjoni żbaljata ma tistax terġa' sseħħ kemm fl-eventwalità ta' sospensjoni ġdida deċiża mill-Imħallef għal miżuri provviżorji kif ukoll ta'

annullament tad-deċiżjoni kkontestata mill-Qorti Ġenerali. F'dan ir-rigward, din speċifikat li l-leġiżlazzjoni Ġermaniża tagħtiha setgħat ta' inġunzjoni fil-konfront tal-BNetzA li huma suffiċjenti sabiex jiġi żgurat l-effett sħiħ tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali u tal-Imħallef għal miżuri provviżorji. Għaldaqstant, xejn ma jindika li sospensjoni ġdida, ordnata fil-każ ta' talba mressqa quddiem l-Imħallef għal miżuri provviżorji taħt l-Artikolu 160 tar-Regoli tal-Proċedura, u l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ma jwasslux għal effetti li jirriżultaw minn tali deċiżjonijiet ġudizzjarji.

41 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, anki jekk in-natura ċerta tagħhom ġiet ipprovata bil-livell ta' probabbiltà meħtieġ, il-konsegwenzi kollha marbuta mal-avvenimenti deskritti fil-punti 32 sa 34 iktar 'il fuq, filwaqt li bl-ebda mod ma' jkopru perijodu ta' ħmistax-il sena, ikunu, fil-fatt, limitati għall-perijodu preċedenti għad-data tal-għoti tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali li ttemm l-istanza prinċipali.

42 Għaldaqstant, hija biss l-ipoteżi deskritta fil-punti 32 u 33 iktar 'il fuq, prevista minn PGNiG Supply, li tista' possibbilment isseħħ matul il-perijodu preċedenti għall-adozzjoni tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali li ttemm l-istanza prinċipali. Issa, din l-ipoteżi, li tikkonsisti fl-użu ta' mill-inqas 90 % tal-kapaċità ta' trażmissjoni tal-pipeline tal-gass OPAL minn Gazprom, ma tikkawżax fiha nnifisha d-dannu allegat minn PGNiG Supply sa fejn dan jiddependi fuq il-persistenza fit-tul ta' din is-sitwazzjoni. Konsegwentement, anki jekk l-effetti ta' din l-ipoteżi jkunu irriversibbli, ir-rekwiżit tal-prova ta' dannu gravi u irreparabbli għal PGNiG Supply li tiġġustifika l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji mitluba ma tkunx issodisfatta.

43 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-allegazzjoni dwar ir-restrizzjoni tal-aċċess tagħha għall-pipeline tal-gass Yamal-Europe, PGNiG Supply tiddeskrivi l-qasam tal-attività fundamentali tagħha bħala n-negozju ta' gass naturali u ta' enerġija elettrika, kemm fis-suq Ġermaniż kif ukoll fis-swieq internazzjonali, inkluż, b'mod partikolari, l-esportazzjoni ta' gass lejn il-Polonja permezz tal-punti ta' interkonnessjoni ta' Mallnow u ta' Lasów. Issa, hija tqis li, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata ser twassal għaż-żieda tal-kapaċità ta' trażmissjoni permezz tal-pipeline tal-gass OPAL, l-użu tal-pipelines tal-gass l-oħra li jippermettu l-esportazzjoni tal-gass minn Gazprom lejn l-Ewropa tal-Punent, b'mod partikolari il-pipelines tal-gass Yamal-Europe u Fraternité, jitnaqqas. Dan it-tnaqqis ta' użu jwassal għal żieda tat-tariffi ta' trażmissjoni li tirriżulta f'telf ta' dħul sinjifikattiv għal PGNiG Supply fil-punt ta' Lasów u tagħmel impossibbli t-trażmissjoni virtwali fid-direzzjoni opposta mill-punt ta' Mallnow.

44 Għal darb'oħra, mingħajr ma huwa neċessarju li titwettaq evalwazzjoni, l-ewwel nett, tan-natura possibbilment ipotetika tal-avvenimenti deskritti fil-punt 43 iktar 'il fuq, li għalihom PGNiG Supply tipproduċi ċertu ammont ta' informazzjoni u ta' dokumenti intiżi sabiex jipprovaw l-grad suffiċjenti ta' ċertezza, ikkontestat madankollu mill-Kummissjoni u mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, it-tieni nett, tar-realtà tar-rabta kawżali bejn dawn l-avvenimenti u d-deċiżjoni kkontestata u, it-tielet nett, tan-natura possibbilment esklużivament pekunjarja tad-dannu, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-imminenza tad-dannu allegat f'dan il-każ hija nieqsa.

45 Kif tfakkar fil-punt 29 iktar 'il fuq, hija ġurisprudenza stabbilita li n-natura urġenti ta' talba għal miżuri provviżorji għandha tiġi evalwata fid-dawl tan-neċessità li tingħata deċiżjoni provviżorja sabiex jiġi evitat dannu gravi u irreparabbli lill-parti li tkun qiegħda titlob il-miżuri provviżorji qabel ma tingħata deċiżjoni dwar it-talba prinċipali għal annullament u li hija din il-parti li għandha tipproduċi l-prova solida li hija ma tistax tistenna l-eżitu tal-proċedura relatata mar-rikors prinċipali mingħajr ma jkollha ġġarrab personalment dannu ta' din in-natura.

46 Issa, f'dan il-każ, mit-talba għal miżuri provviżorji jirriżulta li dawn japplikaw attwalment għal kuntratt ta' tranżitu ma' Gazprom għat-trażmissjoni tal-gass naturali mis-sezzjoni Pollakka tal-pipeline tal-gass Yamal-Europe għall-finijiet tal-provvista tas-swieq tal-Ewropa tal-Punent, inkluża l-Polonja, sal-2020 kif ukoll kuntratt konkluż bejn PGNiG S.A. u Gazprom għal twassil ta' gass naturali, li ser jiskadi fit-tmiem tas-sena 2022. Fir-risposti għad-domandi tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Diċembru 2016, iddepożitati fis-16 ta' Jannar 2017, PGNiG Supply tispeċifika li l-eventwali deċiżjoni ta' Gazprom li

torjenta mill-ġdid il-fluss attwali kollu li jgħaddi mill-pipeline tal-gass Yamal-Europe lejn infrastrutturi ta' trażmissjoni oħra tkun tista' tittieħed biss wara d-data ta' skadenza tal-kuntratti ta' trażmissjoni ta' gass fis-seħħ sa Mejju 2020. Barra minn hekk, iż-żewġ xenarji possibbli li hija tikkunsidra bħala li jikkawżaw dannu għas-sitwazzjoni tagħha jikkonċernaw, minn naħa, perijodu ta' bejn is-snin 2020 sa 2022 u, min-naħa l-oħra, perijodu li jibda wara s-sena 2023.

47 Minn dawn il-kuntratti jirriżulta li l-użu tal-kapaċità ta' trażmissjoni tas-sezzjoni Pollakka tal-pipeline tal-gass Yamal-Europe huwa, *prima facie*, żgurat mill-inqas sat-tmiem tas-sena 2019 u li t-twassil ta' Gazprom għas-suq Pollakk huwa żgurat sas-sena 2022. Kif korrettament tenfasizza r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fin-nota ta' intervent tagħha tad-9 ta' Frar 2017, sa fejn l-użu tal-pipeline tal-gass Yamal-Europe huwa ddeterminat, għall-inqas, sas-sena 2020 għat-tranżitu lejn l-Ewropa tal-Punent fuq il-bażi ta' kuntratt fit-tul, bidla tal-fluss trażmess mill-intermedjarju tal-pipeline tal-gass Yamal-Europe ma hijiex mistennija. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn l-obbligi kuntrattwali jagħti lok għal rimedji legali speċifiċi li hija PGNiG li għandha timplementa, jekk ikun il-każ. F'dan il-kuntest, barra minn hekk, huwa prevedibbli li PGNiG Supply tinvoka l-Artikolu 160 tar-Regoli tal-Proċedura, li jiggarantixxi għaliha għalhekk protezzjoni ġudizzjarja effettiva fil-kuntest tal-kwistjoni kontenzjuża tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, fil-każ ta' ksur ta' dawn l-obbligi.

48 Konsegwentement, anki jekk in-natura ċerta tad-dannu allegat minn PGNiG Supply ikun suffiċjentement ippruvat, dan jista' jseħħ l-iktar kmieni fl-iskadenza tal-imsemmija kuntratti, sakemm, barra minn hekk dawn tal-aħħar ma jiġġeddux. Issa, fir-rigward tat-tul medju tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, is-sentenza fuq il-mertu f'din il-kawża fil-fatt tingħata f'terminu ta' sentejn, jiġifieri matul is-sena 2019. Minbarra dan, jekk l-imsemmija kuntratti kellhom jiskadu meta l-Qorti Ġenerali ma tkunx għadha tat is-sentenza tagħha, ma huwiex eskluż li l-Qorti Ġenerali tikkunsidra li jkunu jeżistu ċirkustanzi eċċezzjonali, u għalhekk tiddeċiedi *ex officio* li tagħti deċiżjoni fuq din il-kawża skont proċedura mħaffa, taħt l-Artikolu 151(2) tar-Regoli tal-Proċedura. Fin-nuqqas ta' dan, lanqas ma huwa eskluż li, jekk iċ-ċirkustanzi jkunu jeżiġu dan, li tingħata prijorità lil din il-kawża, skont l-Artikolu 67(2) tal-istess regolament.

49 Għaldaqstant, għandu jiġi osservat li PGNiG Supply ma pproduċietx prova solida li ma tistax tistenna l-eżitu tal-proċedura relatata mar-rikors prinċipali mingħajr ma jkollha ġġarrab personalment dannu gravi u irreparabbli.

50 F'dan ir-rigward, għandu, madankollu, jiġi rrilevat li, fl-osservazzjonijiet tagħha fuq in-nota ta' intervent tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, PGNiG Supply tirrileva li huwa possibbli li hija ġġarrab dannu qabel is-sena 2020. Għalkemm l-elementi li fuqhom hija bbażata tali allegazzjoni ma jirriżultawx ċari mis-sottomissjonijiet tagħha, jidher, għall-inqas, li hija tirreferi għall-argumenti mqajma fin-nota komplementari tagħha tat-28 ta' Frar 2017. Għaldaqstant, għalkemm jidher madankollu li jsostni l-argumenti tagħha dwar l-prova tal-eżistenza ta' *fumus boni juris*, id-dokument anness minn PGNiG Supply għal din in-nota jista', għalhekk, jiġi interpretat bħala element intiż li jipprova l-imminenza tad-dannu allegat minkejja l-eżistenza tal-kuntratti ta' trażmissjoni u ta' twassil ta' gass imsemmija fil-punt 46 iktar 'il fuq li l-iskadenza tagħhom hija prevista fl-2020 u 2022 rispettivament.

51 [*kunfidenzjali*]

52 [*kunfidenzjali*] Skont PGNiG Supply, il-materjalizzazzjoni tar-riskji msemmija fil-punt 43 iktar 'il fuq ma hijiex għalhekk marbuta biss mal-iskadenza tal-kuntratt ta' tranżitu ta' gass permezz tal-pipeline tal-gass Yamal-Europe lejn l-Ewropa tal-Punent fl-2020, segwita mill-iskadenza tal-kuntratt ta' provvista ta' gass lill-Polonja permezz ta' dan l-istess pipeline tal-gass fl-2022, iżda, b'mod partikolari, permezz tal-approċċ ta' Gazprom u l-Federazzjoni tar-Russja fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-osservanza tal-ftehimiet konklużi u tar-riskju ta' waqfien tal-provvisti ta' gass fi kwalunkwe ħin, peress li tkun teżisti alternattiva li tippermetti t-twassil tal-gass b'mezz ieħor (pereżempju permezz ta' Nord Stream 1 u OPAL).

53 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li, minkejja n-natura fundamentali li PGNiG Supply donnha tattribwixxi lil din il-prova addizzjonali, din tal-aħħar kienet assenti mit-talba għal miżuri provviżorji tagħha ppreżentata fl-4 ta' Diċembru 2016. Sussegwentement, mingħajr ma huwa neċessarju li tingħata deċiżjoni f'dan l-istadju dwar l-eżistenza ta' rabta bejn il-kontenut ta' dan id-dokument u d-deċiżjoni kkontestata, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li t-theddid allegat huwa, *prima facie*, suġġett għall-implementazzjoni tad-deċiżjoni tal-uffiċċju Pollakk għar-regolamentazzjoni tal-enerġija tad-19 ta' Mejju 2015 li kellha sseħħ l-iktar tard fix-xahar ta' Mejju 2017, iżda li għad ma hijiex effettiva. Għaldaqstant, jekk tali azzjonijiet repressivi kellhom jitwettqu wara din l-implementazzjoni, dawn kienu jikkostitwixxu, probabbilment, elementi ġodda li jippermettu lil PGNiG Supply tressaq azzjoni quddiem l-Imħallef għal miżuri provviżorji, taħt l-Artikolu 160 tar-Regoli tal-Proċedura, li jkun jista' għalhekk jadotta miżura ġdida ta' sospensjoni *inaudita altera parte*, skont l-Artikolu 157(2) tar-Regoli tal-Proċedura, sabiex jistabbilixxi mill-ġdid b'mod provviżorju l-leġiżlazzjoni applikabbli qabel l-implementazzjoni tas-sistema prevista mid-deċiżjoni kkontestata sakemm tittieħed deċiżjoni fuq il-mertu tat-talba ġdida fir-rigward tal-fatti ġodda.

54 Konsegwentement, għandu jiġi konkluż li, peress li l-imminenza tad-dannu allegat ma ġietx ippruvata, PGNiG Supply ma ssodisfatx il-kundizzjoni li ma tistax tistenna l-eżitu tal-proċedura relatata mar-rikors prinċipali mingħajr ma jkollha ġġarrab personalment dannu gravi u irreparabbli minħabba l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

55 Minn dan isegwi li l-kundizzjoni tal-urġenza ma hijiex issodisfatta, b'tali mod li din it-talba għal miżuri provviżorji għandha tiġi miċħuda, mingħajr ma hemm bżonn li tiġi eżaminata l-kundizzjoni intiża għall-eżistenza ta' *fumus boni juris*, jew li jitwettaq ibbilanċjar tal-interessi.

56 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tal-ġurisprudenza li l-interess invokat mill-intervenjent għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-interessi (ara d-digriet tas-26 ta' Lulju 2004, Microsoft vs Il-Kummissjoni, T-201/04 R, EU:T:2004:246, punt 34), ma huwiex neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal intervent tat-tliet rikorrenti għal intervent.

57 F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotata li, b'rikors tat-18 ta' Jannar 2017, PGNiG Supply talbet li ċertu ammont ta' informazzjoni jingħata trattament kunfidenzjali fir-rigward ta' OGT u ta' Gazprom. Fid-dawl tal-punt 56 iktar 'il fuq, hemm lok li din it-talba tiġi kklassifikata mill-ġdid bħala talba għal trattament kunfidenzjali fir-rigward tal-pubbliku, skont l-Artikolu 66 tar-Regoli tal-Proċedura. F'dan il-kuntest, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-informazzjoni inkluża f'dan id-digriet, bl-eċċezzjoni ta' dik speċifikament ommessa fil-punti 19, 51 u 52 iktar 'il fuq, jew kienet ġiet ippreżentata u diskussa waqt is-seduta pubblika tal-5 ta' Lulju 2017, jew ma teżistix għaliha ġustifikazzjoni suffiċjenti għall-ommissjoni tagħha u li, għalhekk ma teżistix raġuni leġittima sabiex din it-talba tintlaqa'.

58 Skont l-Artikolu 158(5) tar-Regoli tal-Proċedura, l-ispejjeż għandhom jiġi rriżervati.

Għal dawn il-motivi,

IL-PRESIDENT TAL-QORTI ĠENERALI

jordna:

1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) Id-digriet tat-23 ta' Diċembru 2016, PGNiG Supply & Trading vs Il-Kummissjoni (T-849/16 R) huwa rrevokat.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Lulju 2017.

Ir-Reġistratur
E. Coulon

Il-President
M. Jaeger